MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Numru 977/2009

**Il-Pulizija
(Spettur James Grech)**

**vs**

**Dorian Borg
Luke Mallia**

Il-Qorti,

Rat li l-imputati Dorian Borg bin Joseph u Anna nee' D'Anastasi, imwieled Pieta' fis-06 ta' Mejju 1991 u residenti 12, St. Bartholomew Street, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 247191M u Luke Mallia bin Salvatore u Helen nee' Borg, imwieled fit-22 ta' Settembru 1992, Pieta' u residenti 40, Fleur D'Amour, Triq Dun Gwann Cilia, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' numru 470392M gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

Nhar l-24 t’ Awwissu 2009 f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rezoluzzjoni wahda,

1. Ghamlu falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’ dawn l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe’ ghamlu falsifikazzjoni tal-firma ta’ Alfie Gatt ghad-detriment ta’ l-istess Alfie Gatt detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 228085M u persuni ohra u aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza ;

2. Fl-istess data w cirkostanzi b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b’ohra sabiex iggieghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta’ aktar minn €232.94 ghad-detriment ta’ Alfie Gatt detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 228085M u persuni ohra ;

3. Fl-istess data w cirkostanzi bil-hsieb li jaghmlu delitt, wrew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom ;

4. Fl-istess data w cirkostanzi laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehudha b’qerq jew akkwistati b’reat ;

5. Fl-istess data w cirkostanzi, assocjaw ruhhom flimkien bil-ghan li jaghmlu delitt ;

6. Fl-istess data w cirkostanzi, xjentement ghenu jew assistew lil xulxin fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat ;

7. Fl-istess data w cirkostanzi gewwa Haz-Zebbug sabu kartiera li kienet tikkontjeni €30 kif ukoll credit cards, li kienu naqsu jew intilfu lil Alfie Gatt detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 228085M u m' gharraftux biha fi zmien tlett ijiem lill-Pulizija Esekuttiva.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta' Settembru 2009 (esebit a fol. 8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2010 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fis-seduta tad-29 ta' Jannar, 2010 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jerga lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputati rregistraw ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, l-fatt li ghandhom fedina penali netta kif ukoll il-fatt li huma halsu lura lill-vittma l-ammont koncernat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 183, 184, 308, 310 (l), 334, 48A, 42(d), 240(c) u 41 (1) (a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta,l-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-ewwel(1), it-tieni(2), l-hames(5), is-sitt(6) u s-seba'(7) akkuza migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor sa zmien sentejn(2) millum. In vista tal-fatt li t-tielet(3) u r-raba'(4) akkuza inghataw bhala alternattiva ghall-ewwel(1) u t-tieni(2) akkuza, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------